**NOMINA TAS-SUR ROBERTO BUONTEMPO GĦALL-ĦATRA TA' AMBAXXATUR MHUX RESIDENTI GĦALL-UNGERIJA**

*Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Gvern*

1. X'taħseb li huma l-isfidi li għandha l-Ungerija? U kif qiegħed tara dawn l-isfidi jiġu indirizzati f'dan il-pajjiż? X'inhuma l-binarji, b'mod ġenerali, li beħsiebek taħdem fuqhom f'każ li tinħatar Ambaxxatur?

*Minbarra li hu pajjiż li t-tmexxija tiegħu tista' titqies mhux daqshekk favur il-libertajiet ċivili u li jħaddan politika iebsa fil-konftont tal-immigranti u problemi relatati, kif ukoll b'rabtiet mill-viċin tar-Russja, naħseb li sfida partikulari li qiegħed jiffaċċja bħalissa, hi s-sitwazzjoni ekonomika. Għalkemm il-pajjiż kien sejjer tajjeb sal-2021, kemm minħabba l-pandemija, iżda wkoll minħabba l-politika li jadotta, qiegħed jiffaċċja żmenijiet diffiċli. Il-prezzijiet tal-komoditajiet għall-hajja ta' kuljum tal-poplu Ungeriż, żdiedu tali, li l-inflazzjoni għal din is-sena, 2023, hija proġettata li tlaħħaq il-15.7%. Sfida kbira oħra hu l-kunflitt bejn l-Ukrajna u r-Russja. Dan qed iwassal problemi kbar fil-qasam tal-enerġija, peress li l-Ungerija tiddependi mir-Russja għall-importazzjoni ta' gas u żejt u għaldaqstant ma tantx hemm alternattivi oħrajn biex wieħed jibdel minn fejn jimporta, almenu fi żmien qasir. Din is-sitwazzjoni qed twassal ukoll għal inċertezza f'dak li hu investiment kemm lokali kif ukoll barrani fil-pajjiż. Dan minħabba l-industrija ferm importanti tal-manifattura, li ovvjament tiddependi jekk tkampax jew le, minn kemm ikunu l-prezzijiet ta' komodita' bħad-dawl u ilma. Sfida oħra hi anke l-mod kif ġew użati l-fondi li ġew mogħtija mill-Unjoni Ewropea fil-passat, li wassal għal diversi dikjarazzjonijiet iebsa fil-konfront tal-Gvern Ungeriż.*

*L-Ungerija hi membru kemm tan-NATO kif ukoll tal-Unjoni Ewropea, iżda l-Gvern Ungeriż donnu dejjem jara kif jaħdem mill-qrib ma' żewġ pajjiżi li normalment jitqiesu verament il-bogħod mill-politika li tħaddan l-Unjoni Ewropea. Hawn qiegħed nirreferi għar-Russja u ċ-Ċina. Dan l-aġir jista' jitqies li jdgħajjef l-integrità u r-reżiljenza kemm tan-NATO kif ukoll tal-UE bħala blokk wieħed. Iżda ta' min jinnota wkoll li l-Ungerija qiegħda fuq quddiem f'dik li hi diplomazija biex tinstab soluzzjoni għall-kunflitt bejn ir-Russja u l-Ukrajna. Sa ftit ġranet ilu, mat-tmiem taż-żjara tal-Papa Frangisku ġewwa Budapest, il-Gvern Ungeriż reġa' tenna d-dispożizzjoni tiegħu għall-medjazzjoni u offra kull għajnuna possibbli lill-Vatikan biex tinstab il-paċi.*

*Il-mod kif jiġu ndirizzati l-isfidi li jiffaċċja dan il-pajjiż, hi kwistjoni li tiddependi fuq diversi fatturi, fosthom il-kuntest politiku u ekonomiku kurrenti kif semmejt iktar 'il fuq. Barra minn hekk, l-Unjoni Ewropea u l-istati membri tagħha qed ikomplu japplikaw pressjoni politika u ekonomika biex jiġu indirizzati dawn l-isfidi, iżda xorta waħda qed jipprovdu appoġġ finanzjarju u assistenza teknika biex tgħin lill-Ungerija tiżviluppa u timplimenta politika u strateġija biex tippromwovi t-tkabbir ekonomiku sostenibbli.*

*Inħoss li jkun importanti wkoll li istituzzjonijiet internazzjonali jkomplu jagħmlu pressjoni biex jiġu rispettati d-drittijiet tal-bniedem.*

*Għalkemm jekk nintgħażel mhux se nkun Ambaxxatur residenti, personalment nemmen li nista' nagħti kontribut konkret biex jissaħħu r-rabtiet politiċi u soċjali bejn Malta u l-Ungerija, anke permezz ta' żjarat b'mod regolari, fejn wieħed ikun jista' jiltaqa' ma' organizazzjonijiet kemm mil-lat soċjali kif ukoll ekonomiku u politiku, bħal ministeri per eżempju. Bi ħsiebni naħdem mill-qrib mal-Konslu Onorarju ġewwa Budapest, kif ukoll max-Chargé d'Affaires u Konslu għall-Ungerija ġewwa Malta - dejjem skont l-eżiġenzi u d-direzzjoni tal-Gvern Malti.*

*Ix-xogħol ta' Ambaxxatur mhux biss li jirrappreżenta lil pajjiżu imma wkoll li jkun dak li jiddentifika opportunitajiet ta' xogħol u proġetti li jkunu ta' benefiċċju għal pajjiżu. Jekk nintgħażel Ambaxxatur mhux Residenti nuża l-kuntatti kollha għad-dispożizzjoni tiegħi biex inkattar u nibni fuq dak li għamlu ta' qabli u nemmen li nista' nagħti kontribut siewi.*

2. Bħala ambaxxatur mhux residenti, kif tara li x-xogħol tiegħek jista' jwassal sabiex jiżdiedu u jitjiebu r-rabtiet politiċi u soċjali bejn l-Ungerija u Malta rispettivament? Liema taħseb li huma l-isfidi prinċipali li għandna negħlbu sabiex insaħħu r-relazzjoni bejn iż-żewġ pajjiżi?

*L-Ungerija u Malta huma pajjiżi differenti li jiffaċċjaw sfidi differenti f'diversi livelli. Mid-dokumentazzjoni li kkonsultajt u anke wara xi laqgħat li kelli, ngħid li m'hemmx xi sfidi speċifiċi li qed jiffaċċjaw iż-żewġ pajjiżi, iżda hemm aspetti komuni ta' sfidi soċjali u ekonomiċi li jistgħu jkunu simili.*

*Malta u l-Ungerija huma Stati Membri tal-Unjoni Ewropea, u bħala Stati Membri, huma suġġetti għall-politika u regolamenti komuni tal-UE. Fost l-oħrajn, hemm sfidi ambjentali u klimatiċi li jiffaċċjaw il-pajjiżi kollha tal-UE, u jistgħu jiġu ndirizzati b'mod aktar effettiv b'kollaborazzjoni internazzjonali, fosthom ovvjament Malta u l-Ungerija.*

*Iż-żewġ pajjiżi huma wkoll suġġetti għal sfidi soċjali u ekonomiċi simili, bħall-probema ta' migrazzjoni u integrar tal-immigranti, u sfidi ekonomiċi bħal l-inklużjoni soċjali, l-iżvilupp sostenibbli, u t-trasport u l-infrastruttura.*

*Hemm ukoll sfidi politiċi differenti li qed tiffaċċja l-Ungerija, bħall-kritika fuq drittijiet tal-bniedem, speċjalment fejn jidħlu l-immigranti u l-libertajiet ċivili. Inħoss li bħala Ambaxxatur mhux residenti, inkun nista' noffri pjattaforma ta' djalogu fuq dawn iż-żewġ sfidi kbar u nippromwovi l-esperjenza li għandha Malta f'dan il-qasam.*

*Huwa wkoll ferm importanti li nżomm kuntatt regolari mal-awtoritajiet rispettivi biex inkomplu nibnu rabtiet b'saħħithom, per eżempju fil-qasam tal-kulturà u l-għaqdiet ċivili, anke permezz ta' żjajjar (ministerial and trade missions, etc) li jkunu qed jindirizzaw dawn l-oqsma partiko-lari.*

3. X’taħseb li huma n-niċeċ ekonomiċi u kummerċjali li nistgħu nsibu sinerġiji fuqhom bejn Malta u l-Ungerija? Kif tara li għandna nsaħħu r-relazzjonijiet kummerċjali bejn iż-żewġ pajjiżi rispettivi?

*Hemm diversi setturi ekonomiċi u kummerċjali li għandhom sinerġija bejn Malta u l-Ungerija:*

*Teknoloġija u Farmaċewtika: L-Ungerija hija waħda mill-pajjiżi li qed jinvestu ħafna fil-qasam tat-teknoloġija u l-innovazzjoni. Malta wkoll investiet u qed tkompli tinvesti f'dan il-qasam, u għaldaqstant hemm opportunitajiet għall-kollaborazzjoni akbar f’dan is-settur. Per eżempju fl-2021, Malta esportat madwar 31 miljun Ewro f’ ’Coaxial Cable’ u ‘Coaxial Electric Conductors’. Żgur li hawn lok ta’ iktar tkabbir. Anke fil-Farmaċewtika, prattikament 50% ta’ dak kollu esportat kien ġej proprju minn dan is-settur – 33 miljun Ewro.*

*Il-qasam tal-loġistika: Malta hija punt importanti għal-logistika fil-Meditteran minħabba l-pożizzjoni ġeografika tagħha. L-Ungerija hija wkoll f’punt ġeografiku partikolari, peress li hija magħluqa bejn diversi pajjiżi. Għaldaqstant hemm opportunitajiet għal sinerġija aħjar fil-qasam tat-trasport u logistika. Nistgħu nkunu punt għall-Afrika ta’ Fuq per eżempju.*

*L-enerġija u l-ambjent: Hemm opportunitajiet għall-kollaborazzjoni f’dan il-qasam. L-Ungerija hija waħda mill-pajjiżi li qed tinvesti f'fonti enerġetiċi alternattivi, fosthom l-enerġija nadifa, u Malta qed tippromwovi l-użu tal-enerġija nadifa u teknoloġiji ambjentali għas-snin li ġejjin.*

*Biex insaħħu r-relazzjonijiet kummerċjali bejn Malta u l-Ungerija, hemm diversi passi li nistgħu nagħmlu iżda naħseb li l-iktar kruċjali hu dak ta’ għarfien akbar dwar prodotti u servizzi li joffru l-imprendituri u l-kumpaniji Maltin u Ungeriżi. Dan huwa possibli billi wieħed jisfrutta aħjar il-konnessjonijiet li diġà jeżistu, kif ukoll jesplora oħrajn ġodda. Ta’ min wieħed isemmi żewġ kumpaniji Maltin li ilhom diversi snin joperaw l-Ungerija b’ċertu suċċess, Corinthia u St James Hospital li minbarra oħrajn, bħal OZO Group, qegħdin iservu biex jgħollu isem Malta. Għal dan l-għarfien akbar, il-Konsolati rispettivi jistgħu jkunu ta’ għajnuna kbira u kif aċċennajt iktar ‘il fuq, tkun verament opportunita’ tajba li jiġu organizzati żjajjar ġewwa l-Ungerija b’imprendituri Maltin, li possibilment tkun tinkludi wkoll il-Ministru konċernat. Naħseb li jekk wieħed isib il-koperazzjoni meħtieġa, jistgħu jiġu stabbiliti partnerships u konnessjonijiet ġodda għall-benefiċċju taż-żewġ pajjiżi. Bħala Ambaxxatur mhux residenti nkun nista’ nservi ta’ pont bejn iż-żewġ pajjiżi.*

*Importanti wkoll li ż-żewġ pajjiżi jagħmlu min kollox biex jibqgħu jsaħħu l-konnessjoni diretta bejniethom permezz ta’ titjiriet frekwenti. Bħalissa hemm żewġ linji tal-ajru low cost li bejniethom jagħmlu sitt titjiriet fil-ġimgħa minn u lejn Budapest.*

4. Tara li hemm trattati li jistgħu jitħaddmu aħjar bejn iż-żewġ pajjiżi? Jew trattati oħra li għandhom jiġu esplorati għaż-żmien li ġej?

*Dawn huma t-trattati li ġew iffirmati matul is-snin. Ta' min jgħid li Malta waqqfet relazzjonijiet diplomatiċi mal-Ungerija lura għas-sena 1970. Se nsemmihom bil-lingwa Ingliża biex inkun iktar korrett fin-nomenklatura tagħhom:*

*Trade Agreement 19.01.77 Obsolete due to EU membership*

*Cultural, Educational & Scientific Cooperation 06.09.78(S) 20.02.80(E) Valid*

*Co-operation Agreement in Tourism 04.02.83(S) 06.07.83(E) Valid*

*Abolition of Visa Requirements 04.02.83(S) 31.07.83(E) Obsolete due to EU membership*

*Air Services 16.12.87(S) 14.06.88(E) Valid*

*Agreement on the Avoidance of Double Taxation and the Prevention of Fiscal Evasion with respect to Taxes and on Capital 06.08.91(S) 29.11.92(E) Operative*

*Agreement on the fight against Drug Trafficking and Organised Crime 18.05.00(S) 18.12.00(E) Operative*

*Agreement (by Exchange of Notes) on the employment of the Dependants of Staff of Diplomatic Missions 18.11.03(S) 18.11.03(E) Operative*

*Bilateral Agreement between the Ministry for Foreign Affairs of the Republic of Malta and the Ministry of Foreign Affairs and Trade of Hungary on Visa Representation (in the Consulate General of Hungary in Chongqing, the People's Republic of China) 02.04.15 (date of outgoing NV 753/15) 27.04.15(E) Agreement has been abrogated.*

*Administrative Arrangement between the Ministry for Foreign Affairs and Trade Promotion of the Republic of Malta and the Ministry of Foreign Affairs and Trade of Hungary in the Field of Diplomatic Cooperation. 20th November 2019 Operative*

*Visa Representation Agreement between MT and HU to represent Malta in Bishkek and Pristina. 1st September 2022 Operative*

*Opportunitajiet ta' iktar kollaborazzjonijiet, speċjalment fil-qasam tal-kulturà u turiżmu. Hemm potenzjal li dan il-qasam ikompli jikber għall-ġid taż-żewġ pajjiżi, b'mod partikolari benefiċċju kbir għal Malta, minħabba l-fatt li l-popolazzjoni Ungeriża hi madwar għaxar darbiet ikbar minn dik ta' Malta. Jien insemmi turiżmu reliġjuż kif ukoll turiżmu mediku bħala eżempju.*

*Mil-lat ferm importanti tal-kulturà, kemm Malta kif ukoll l-Ungerija jiffurmaw parti mill-EUNIC (Istituti Nazzjonali tal-Kulturà tal-Istati Membri tal-EU). L-EUNIC huwa network Ewropew ta' organizazzjonijiet involuti f'relazzjonijiet kulturali fejn tiġi promossa b'mod prominenti l-kulturà fir-relazzjonijiet internazzjonali. Iż-żewġ pajjiżi għandna kulturà u storja*

*millenarja u allura żgur dejjem hemm lok ta' iktar kollaborazzjoni. Jien, jekk niġi konfermat, se nkun qiegħed naħdem biex ir-relazzjonijiet f'dan il-qasam partikolari, jissaħħu.*

*Dwar is-saħħa, Malta għandha tesplora l-possibilta' ta' iktar koperazzjoni, speċjalment li dan jista' jkun ta' ntrojtu għall-pajjiz permezz ta' turiżmu mediku kif semmejt qabel.*

*Sa issa għad m'għandix dettalji dwar il-ħidma u koperazzjoni bejn Malta u l-Ungerija fil-ġlieda kontra t-traffikar tad-droga u l-kriminalità organizzata, iżda nwiegħed li nesplora din il-materja hekk sensittiva u importanti u nara kif wieħed itejjeb fuq dak li nbena qabel. Ikompli ftit fuq din il-materja hekk importanti u delikata, hu anke il-qasam tas-sigurta'. Naħseb li wieħed jista' jesplora l-possibilta' ta' xi forma ta' ftehim fuq ko-operazzjoni bejn iż-żewġ pajjiżi dwar informazzjoni klassifikata li tgħaddi bejniethom.*

5. Kif tara li Malta u l-Ungerija jistgħu jikkollaboraw, b'mod partikolari fuq l-aspett turistiku u dik in-niċċa partikolari tat-tagħlim tal-Ingliż? Tara li hemm lok fejn b'xogħlok Bħala ambaxxatur tkun tista' tħeġġeġ kollaborazzjoni f'dan is-settur?

*Malta hija destinazzjoni eċċellenti, kemm għat-turiżmu kulturali, kif ukoll dak marbut mat-tagħlim tal-Ingliz. Wieħed jinnota li sa qabel il-pandemija, n-numri kienu qegħdin jiżdiedu, iżda ovvjament dan kien niżel drastikament. Fl-opinjoni tiegħi, fost il-modi kif Malta u l-Ungerija jistgħu jikkollaboraw f'dan il-qasam, hu li jorganizzaw kampanji promozzjonali flimkien biex jippromwovu d-destinazzjonijiet turistiċi tagħhom. Dan għandu jsir b'mod regolari u naħseb anke xi ftit aggressiv fil-bidu. Għandna opportunità verament tajba bit-titjiriet diretti bejn iż-żewġ pajjiżi u allura għandna nisfruttaw dan b'mod li nżidu n-numri lejn pajjiżna. Nistgħu nużaw il-EUNIC kif semmejt iktar 'il fuq, kif ukoll il-Konsolat ta' Malta ġewwa Budapest biex nirreklamaw dak li toffri Malta. Naħseb ikun tajjeb li nużaw ukoll istituzzjonijiet edukattivi ġewwa l-Ungerija għal dan il-għan.*

*Għal dak li jikkonċerna l-edukazzjoni tal-lingwa Ingliża, kif jaf kulħadd, Malta hija destinazzjoni eċċellenti għall-istudenti li jixtiequ jitgħallmu l-Ingliż. Diga' teżisti koperazzjoni li qed tħalli l-frott, iżda nħoss li nistgħu nikbru ferm iktar f'dan il-qasam. Idea li żgur taħdem hi li nippromwovu dawn il-korsijiet tal-Ingliż per eżempju f'seminars u konferenzi differenti, u anke fuq it-titjiriet bejn iż-żewġ pajjiżi. L-għajnuna tal-Konsolat f'dan ir-rigward, tkun ta' benefiċċju kbir.*

*Jekk niġi konfermat bħala Ambaxxatur, inħoss li nista' ngħin hafna f'dan is-settur hekk importanti. Il-konnessjonijiet li bnejt matul is-snin, kemm mal-iskejjel tal-Ingliż f'Malta kif ukoll ma' persuni fi ħdan l-Ordni Ekwestru tas-Santu Sepulkru ta' Ġerusalemm ġewwa l-Ungerija, żgur li jiffaċilitaw l-operat tiegħi. Iżda dwar dan se nikteb iktar fid-dettal fir-risposta għall-mistoqsija numru sitta u anke nkun nista' nelabora iktar viva voce.*

6. Tista' telabora ftit iżjed fuq il-karriera tiegħek fi ħdan il-Korp Diplomatiku u/jew il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin?

*Jien bħala tali qatt ma kont nifforma parti la mill-Korp Diplomatiku u anqas mill-Ministeru tal-Affarijiet Barranin. Iżda x-xogħol tiegħi jolqot kemm ir-Relazzjonijiet Internazzjonali kif ukoll id-Diplomazija. Meta lura fl-2006 kont ġejt elett Kunsillier fuq il-lokalità ta' Birkirkara, kont ingħatajt l-inkarigu tar-Relazzjonijiet Internazzjonali għat-tul ta' dik il-leġislatura. Iżda l-iktar mod li nħoss li jqarreb xi ftit jew wisq dan ir-rwol, huma l-inkarigi li għandi fi ħdan il-Knisja, kemm lokali kif ukoll tas-Santa Sede. Jien nokkupa l-kariga ta' Head of Property tal-Arċidjocesi ta' Malta (Chief Operations Officer b'nomenklatura iktar moderna). Wara li bdejt inservi f'dan il-post (bdejt f'Jannar 2019), il-Konferenza Episkopali Maltija nnominatni biex nirrappreżenta lis-Santa Sede fuq il-Kumitat ta' Kontroll tal-Uffiċċju Konġunt bejn il-Gvern ta' Malta u l-Knisja, kariga li ġiet konfermata mis-Segretarju tal-Istat tal-Vatikan il-Kardinal Parolin. Kariga li għadni nokkupa sal-lum. Dan hu rwol delikat ferm li jirrikjedi negozjati kontinwi bejn iż-żewġ partijiet.*

*Barra minn dan, proprju iktar kmieni din is-sena, ntlabt biex nifforma parti minn kumitat li jirrappreżenta lis-Santa Sede, biex jigi rinegozjat il-ftehim bejn il-Gvern u l-Knisja tal-1993 (fuq il-proprjeta' li għaddiet mingħand il-Knisja għal ghand il-Gvern). Inkun f'negozjati diretti kemm mal-Ministreru tal-Affarijiet Barranin kif ukoll mal-Ministeru tal-Ekonomija, Fondi Ewropej u Artijiet. Isiru laqgħat b'mod regolari u nista' ngħid li dan ir-rwol hu fil-fatt rwol li jirrikjedi ħafna ħidma diplomatika bejn żewġ Stati, ħidma li hi delikata ferm.*

*Rwol iehor li jpoġġini fuq ħidma diretta internazzjonali hu l-kariga li għandi fi ħdan Ordni ta' Awtorità Pontifiċja, l-Ordni Ekwestru tas-Santu Sepulkru ta' Ġerusalemm. Ilni nifforma parti minn dan l-Ordni mill-2006 u apparti li okkupajt rwoli fi ħdan diversi Kunsilli preċedenti, kont ingħatajt l-inkarigu ta' Kanċillier f'Malta fl-2015 u lejn l-aħħar tal-2018 ġejt anke maħtur bħala Logutenent tal-Logutenenza Maltija tal-istess Ordni. Dak iż-żmien kont l-iżgħar fid-dinja ta' 45 sena. Din hi kariga li għandha mandat ta' erba' snin li jista' jiġġedded għal darba biss. Fil-fatt għadni kif bdejt it-tieni mandat tiegħi li għandu jwassal sal-aħħar tal-2026. Din il-ħidma teħodni madwar diversi pajjiżi, primarjament fl-Ewropa, meta nkun qiegħed nirrappreżenta l-Logutenenza Maltija f'diversi fora, bħal per eżempju l-laqgħa annwali tal-Logutenenti Ewropej, laqgħa annwali oħra tal-Logutenenti li jaqgħu taħt il-lingwa Taljana (Malta b'mod strateġiku tifforma parti minn dan il-grupp). Iżda l-iktar laqgħa importanti hi dik ta' kull erba' snin li tissejjaħ il-Konsulta, fejn il-Logutenenti minn madwar id-dinja kollha, li jammontaw għal madwar 65, niltaqgħu fi speċi ta' Assemblea Ġenerali taħt il-gwida tal-Kardinal Gran Mastru u t-tmexxija tal-Gvernatur Ġenerali. Din tingħalaq b'udjenza mal-Papa u dik li jmiss se tkun f'Novembru ta' din is-sena. Il-ħidma ta' dan l-Ordni hi primarjament biex issostni l-preżenza Kristjana fl-Art Imqaddsa. Fil-fatt aħna niffinanzjaw skejjel, sptarijiet, parroċċi kif ukoll l-Università ta' Betlehem.*

*Hu ovvju li kull meta nkun mistieden ta' Logutenenzi oħrajn, inkun mhux biss qiegħed nirrappreżenta l-Ordni, iżda wkoll lil Malta. Fil-fatt ftit ġranet ilu kont anke mistieden għand is-Sindku ta' Cagliari, ġewwa Sardegna, għall-festa ferm importanti għalihom, dik ta' Sant'Efisju. Qed insemmi dan għax nemmen li b'mod indirett, dan ir-rwol li għandi jista' jgħini fil-ħidma tiegħi ta' Ambaxxatur, jekk niġi konfermat. Il-Logutenenti kollha ngħinu lil xulxin*

*meta' jkun hemm bżonn u persważ li anke dak tal-Ungerija, l-E.T. Dott. Béla Jungbert jista' jkun ta' appoġġ għall-ħidma tiegħi, kif jista' jkun il-Kardinal Erdo' li jiġi l-Gran Prijur tal-Ordni ġewwa l-Ungerija.*

*Il-fatt li jien ġej minn dan il-background partikolari, naħseb li jista' jgħin 'to break the ice', kif jgħidu l-Inglizi. L-Ungerija għandha predominanza Kattolika kbira u l-istess President Katalin Novak, kif ukoll il-Prim Ministru Viktor Orban, iħaddnu twemmin Kristjan.*

## *Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Oppożizzjoni*

1. Tista' tispjega x'passi taħseb li għandhom jittieħdu sabiex jissodaw iktar ir-relazzjonijiet ta' pajjiżna mal-pajjiż li tiegħu ġejt nominat biex isservi bħala ambaxxatur ta' pajjiżna?

*Il-passi li għandhom jittieħdu sabiex jissodaw iktar ir-relazzjonijiet bejn Malta u l-Ungerija huma bbażati fuq diversi fatturi u interessi, fosthom:*

*<u>Kummerċ u Investiment</u>: It-tkattir ta' relazzjonijiet ekonomiċi u kummerċjali aktar intensivi bejn Malta u l-Ungerija żgur li jkunu ta' benefiċċju għall-pajjiżna. Dan jista' jsir b'ippjanar ta' events ta' networking bejn imprendituri taż-żewġ pajjiżi.*

*<u>Edukazzjoni u Kulturà</u>: Jiġu organizzati programmi ta' skambju ta' studenti u professjonisti biex jinkisbu esperjenzi kulturali ġodda. Tiżdied il-kollaborazzjoni bi sfond akkademiku bejn universitajiet u stituzzjonijiet edukattivi, sabiex wieħed per eżempju jesplora jekk jistgħux isiru programmi ta' studju li jkunu komuni għaż-żewġ naħat.*

*<u>Turiżmu</u>: L-attivitajiet fil-qasam turistiku qatt ma huma biżżejjed. Irridu nkomplu nisfruttaw il-konnessjonijiet diretti li hemm bejn iż-żewġ pajjiżi. Bl-għajnuna tal-uffiċċju tal-Awtorità tat-Turiżmu ġewwa Budapest, kif ukoll tal-Konsolat Malti, għandna nkomplu naħdmu biex niffaċilitaw kemm jista' jkun li jikber dan is-settur.*

*<u>Trattati</u>: Jiġu studjati t-trattati diġa' stabbiliti sabiex wieħed jara fejn hemm bżonn ta' tiġdid u anke liema huma dawk is-setturi li għad ma hemmx kollaborazzjoni fuqhom, biex wieħed jesplora l-possibilita' ta' trattati ġodda.*

*<u>Konsolat/i ġodda</u>: Jiġi studjat jekk hemmx lok għal iktar Konsolati ġewwa l-Ungerija. Budapest hija pjuttost ċentrali u jista' jkun li b'Konsolat per eżempju ġewwa l-Belt ta' Gyor (viċin tal-Awstrija u Slovakkja) jew inkella fil-Belt ta' Pecs (viċin il-Kroazja u s-Serbja), inkunu nistgħu nkabbru l-kummerċ bejn iż-żewġ pajjiżi.*

*<u>Skambji Politiċi</u>: Żjarat bħalma saru anke pjuttost riċenti, meta delegazzjoni parlamentari minn Malta mmexxija mill-iSpeaker għamlet żjara proprju f'April li għadda. Dawn it-tip ta' skambji għandhom jibqgħu jiġu sollecitati għax huma font ta' tisħieħ tar-relazzjonijiet bejn iż-żewġ pajjiżi.*

2. Tista' tindika, fl-opinjoni tiegħek, liema huma l-isfidi prinċipali fir-relazzjonijiet bejn Malta u l-pajjiż li tiegħu ġejt nominat biex isservi bħala ambaxxatur ta' pajjiżna?

*Nitlobkom taraw ir-risposta tiegħi li tajt għall-mistoqsija numru wieħed għan-naha tal-Gvern. Il-mistoqsijiet huma pjuttost simili u għalhekk nikkonferma dak li ktibt iktar 'il fuq.*

3. Tista' tispjega x'inhuma l-pożizzjonijiet u interessi komuni li aħna nħaddnu mal-pajjiż li tiegħu ġejt nominat biex isservi bħala ambaxxatur ta' pajjiżna?

*Malta u l-Ungerija huma żewġ pajjiżi li jgħixu fi żvilupp ekonomiku, kulturali u soċjali b'interess komuni, anke għas-sempliċi fatt li huma t-tnejn msieħba fl-UE u allura din l-isħubija tiffaċilita iktar kollaborazzjoni f'dawn l-oqsma. L-interessi komuni ewlenin huma:*

*<u>Żvilupp Ekonomiku</u>: Malta u l-Ungerija huma żewġ pajjiżi b'interess komuni li jiżviluppaw l-ekonomiji tagħhom permezz tal-kummerċ u l-investiment speċjalment f'setturi bħat-teknoloġija, l-enerġija u l-infrastruttura. Iż-żewġ pajjiżi jappoġġjaw inizjattivi biex jiġu żviluppati opportunitajiet ta' negozju u investiment ġodda. Dan jista' jitkattar permezz ta' missjonijiet (trade missions) bejn iż-żewġ pajjiżi.*

*<u>Kulturà u Turiżmu</u>: L-Unjoni Ewropea qed tħeġġeġ lill-pajjiżi membri tagħha biex jippromwovu l-ġid turistiku u kulturali tagħhom. Malta u l-Ungerija huma żewġ pajjiżi li tista' tgħid it-tnejn li huma mimlija storja u allura dan hu żgur ta' interess komuni li wieħed għandu jisfrutta billi anke jiġu organizzati per eżempju kampanji promozzjonali konġunti. Importanti li għas-suċċess ta' dawn l-inizjattivi, tibqa' tiġi faċilitata l-linja diretta tal-ajru bejn iż-żewġ pajjiżi.*

*<u>L-Appoġġ għall-Unjoni Ewropea</u>: Malta u l-Ungerija, bħala pajjiżi membri tal-UE jappoġġjaw il-ħidma u l-politika tagħha f'numru ta' oqsma importanti, bħal kif jiġu affrontati kwistjonijiet ta' migrazzjoni, tibdil fil-klima, l-ekonomija u l-kummerċ. Għalkemm l-Ungerija hu pajjiż li xi kultant jikkuntrasta ma' opinjonijiet ta' pajjiżi oħrajn, ma' Malta normalment wara diskussjoni sana, din twassal għall-opinjoni komuni.*

*<u>It-tibdil fil-klima</u>: Malta u l-Ungerija jaqblu li tibdil fil-klima hi kriżi globali u li għandha tingħata risposta biex titjieb il-kwalità tal-ħajja tal-bniedem u jitjieb l-ambjent. Huma jaqblu li din tista' tiġi ndirizzata biss permezz ta' kollaborazzjoni globali u bi sforz kollettiv.*

*Permezz ta' dawn l-interessi komuni, Malta u l-Ungerija jistgħu jikkollaboraw biex ikomplu jiżviluppaw u jsaħħu r-relazzjonijiet tagħhom.*

4. Tista' tinforma lill-kumitat jekk diġà kellekx żjarat fil-pajjiż li tiegħu ġejt nominat biex isservi bħala ambaxxatur ta' pajjiżna u jekk għandekx xi rabtiet jew investimenti kummerċjali f'dak il-pajjiż?

*Nikkonferma li qatt ma żort dan il-pajjiż u li m'għandix rabtiet jew investimenti kummercjali.*

5. Tista' tindika jekk kontx impjegat mal-Istat Malti u, jekk iva, f'liema dipartiment/awtorità/entità?

*Nikkonferma li għamilt madwar tliet snin (2003-2006) impjegat mal-Awtorità Marittima ta' Malta fil-Merchant Shipping Directorate.*

6. Tista' tindika jekk qatt kontx parti minn Segretarjat ta' Ministru jew Segretarju Parlamentari jew jekk ħdimtx fil-qrib tagħhom f'dawn l-aħħar snin?

*Nikkonferma li qatt ma kont nifforma parti minn Segretarjat ta' Ministru jew Segretarju Parlamentari, kif ukoll qatt ma ħdimt fil-qrib tagħhom.*

7. Tista' tindika jekk kontx involut f'xi ħidma diplomatika preċedenti fi ħdan il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin?

*Nikkonferma li qatt ma kont involut f'xi ħidma diplomatika preċedenti fi ħdan il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin. L-uniku nvolviment diplomatiku li għandi hu dak li semmejt iktar kmieni, fejn nirrappreżenta lis-Santa Sede, bil-Ministeru tal-Affarijiet Barranin ikun fuq in-naħa l-oħra tan-negozjati.*

8. Tista' tiddikjara jekk għandekx xi kunflitt ta' interess f'din il-ħatra tiegħek?

*Niddikkjara li m'għandi l-ebda kunflitt ta' interess f'din il-ħatra.*

9. Tista' tiddikjara jekk għandekx passaport ta' pajjiż ieħor?

*Niddikkjara li m'għandix passaport ta' pajjiż ieħor.*